**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 97**
**L-Erbgħa, 8 ta' Marzu, 2023 fl-4:00 p.m.**

**UŻU TA' AKKOMODAZZJONI SOĊJALI**

**5974. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4223 u jgħid kemm-il dar battala għandna f'pajjiżna u kemm minnhom qegħdin għall-użu tal-akkomodazzjoni soċjali?

02/02/2023

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Awtorità tad-Djar għandha 23 residenza tal-Gvern madwar Malta u Għawdex li bħalissa jinsabu battala minħabba li fihom għaddej xogħol ta' rranġar sabiex dawn isiru abitabbli u jiġu allokati għal skop ta' akkomodazzjoni soċjali.

Seduta 97
08/03/2023

**AWTORITÀ TAD-DJAR - APPLIKAZZJONIJIET**

**5975. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4226 u jgħid kemm-il applikazzjoni hemm quddiem l-Awtorità tad-Djar minħabba sfida ta' mobilità jew minħabba li d-dar mimlija periklu?

02/02/2023

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fuq il-lista ta' stennija, l-Awtorità tad-Djar għandha 52 applikazzjoni minn persuni bi problema ta' mobilità u 4 applikazzjonijiet minn persuni li jgħixu fi proprjetà li jkollha xi ħsarat strutturali.

Seduta 97
08/03/2023

**KUNSILLI LOKALI - SERVIZZI FIL-QASAM TAL-ANZJANI**

**5976. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4247 u jindika s-servizzi li ngħataw is-sena l-oħra mill-kunsilli lokali fil-qasam tal-anzjani?

02/02/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** L-informazzjoni mitluba tinsab fit-tabella t'hawn taħt:

| **Kunsill Lokali** | **Servizz fil-qasam tal-Anzjani matul 2022** |
|---|---|
| **Il-Belt Valletta** ***(Citta' Umilissima)*** | 1. Influenza vaccine fil-clinic tal-Belt<br>2. Trasport b'xejn<br>3. Clinic ġdida u aktar servizzi |
| **L-Imdina** ***(Citta' Nobile)*** | *NIL RETURN* |
| **Il-Birgu** ***(Citta` Vittoriosa)*** | 1. Titqiba tal-influwenza<br>2. Trasport b'xejn b'vettura tal-Kunsill għaċ-Ċentru tas-saħħa, sptar u servizzi oħra bħal banek<br>3. Ħlas ta' kera, speċjalment binijiet tal-Gvern |
| **L-Isla** ***(Citta' Invicta)*** | Infurmat li sad-data ta' din l-interpellanza l-informazzjoni rikjesta ma ġietx riċevuta mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali. |
| **Bormla** ***(Citta Cospicua)*** | 1. Trasport b'xejn lill-anzjani fil-lokalità inkluż policlinic, sigurtà soċjali (Birgu) u biex jagħmlu l-bżonnijiet bħal xiri u appuntamenti |
| **Ħal Qormi** ***(Citta' Pinto)*** | 1. Transport b'xejn offrut mill-Kunsill Lokali għas-servizzi bażiċi ta' kuljum<br>2. Flimkien ma' Nanniet Malta, twaqqaf il-grupp Nanniet Qriema<br>3. Sehem fl-attivitajiet tal-Milied 2022<br>4. Ħarġiet kulturali u soċjali. |

| | |
|---|---|
| **Ħaż-Żebbuġ** ***(Ċitta Rohan)*** | 1. Attivitajiet kull nhar ta' Ġimgħa għall-anzjani fejn isiru talks, żfin u tombla għalihom.<br>2. Barra minn hekk isiru ħarġiet għall-anzjani kemm lejn Malta u anke lejn Għawdex. |
| **Ħaż-Żabbar** ***(Citta' Hompesch)*** | 1. Tqassim tal-boroż tal-iskart<br>2. Servizz tas-Silver T |
| **Is-Siġġiewi** ***(Citta Ferdinand)*** | 1. Ċentru ta' matul il-jum<br>2. Diversi korsijiet miftuħin għal kulħadd<br>3. Diversi sezzjonijiet informattivi miftuħin għal kulħadd |
| **Iż-Żejtun** ***(Citta` Beland)*** | 1. Żjarat fid-Djar tal-Anzjani.<br>2. Ħarġiet Kulturali.<br>3. Weekend Breaks.<br>4. Korsijiet Varji. |
| **Ir-Rabat (Għ)** ***(Citta` Victoria)*** | 1. Għajnuna fil-mili t'applikazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-servizz pubbliku. |
| **Ħ'Attard** | 1. Ħarġiet kull xahar<br>2. Laqgħa b'attività: diskussjoni, tombla bl-ikel kull xahar<br>3. Servizz ta' trasport<br>4. Festini Okkażjonali |
| **Ħal Balzan** | 1. Trasport lill-anzjani tal-lokalità biex jeħodhom l-isptar, il-Health Centre u l-bank (HSBC) f'Birkirkara |
| **Birkirkara** | 1. Trasport b xejn għall-anzjani li jiġu day centre<br>2. Courses bħal chair pilates, pilates, fitness mix, make up course, ganutell. |
| **Birżebbuġa** | 1. Trasport b'xejn għaċ-Ċentru tal-Anzjani<br>2. Foodbank fis-Sala tal-Kunsill Lokali<br>3. Tilqim fis-Sala tal-Kunsill Lokali<br>4. Ħarġiet għall-anzjani |
| **Ħad-Dingli** | 1. Trasport għad-Day Centre<br>2. Testijiet tas-Smigħ<br>3. Ħarġiet |
| **Il-Fgura** | 1. Formola rikjesti u mogħtija<br>2. Ħlasijiet ta' qbiela, ċitazzjonijiet etc<br>3. Servizz ta' Aerobics, Line Dancing u Yoga<br>4. Ħarġiet kulturali u Edukattivi |
| **Il-Floriana** | Infurmat li sad-data ta' din l-interpellanza l-informazzjoni rikjesta ma gietx riċevuta mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali. |
| **Il-Fontana** | 1. Ikla lill-anzjani li jgħixu waħedhom fil-festa tal-lokalità 2022.<br>2. Ħarġiet Malta u Għawdex.<br>3. Ikla lill-anzjani li jgħixu waħedhom nhar il-Milied 2022. |
| **Il-Gudja** | 1. Ħarġiet kulturali għall-anzjani<br>2. Korsijiet tal-Life Long Learning<br>3. Attivitajiet tal-Milied u ta' Jum il-Gudja<br>4. Sessjonijiet ta` informazzjoni fuq well-being. |
| **Il-Gżira** | Infurmat li sad-data ta' din l-interpellanza l-informazzjoni rikjesta ma ġietx riċevuta mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali. |
| **Għajnsielem** | 1. Korsijiet dwar l-użu bażiku tat-Teknoloġija Moderna<br>2. Korsijiet tal-bizilla u ħjata<br>3. Trasport bil-van għall-ħtiġijiet personali tagħhom<br>4. Ħarġiet kulturali<br>5. Ġiti barra minn Malta<br>6. Żjarat lill-anzjani li jgħixu waħedhom<br>7. Talks edukattivi |
| **L-Għarb** | 1. Ikla tal-Milied.<br>2. Ħarġiet Soċjali.<br>3. Użu ta' Transport. |
| **Ħal Għargħur** | 1. Ħarġiet kulturali<br>2. Attivitajiet soċjali<br>3. Klassijiet tal-eżerċizzju |
| **L-Għasri** | 1. The Ghasri Local Council has 2 councillors that on a regular basis visit elderly persons of |

| | |
|---|---|
| | the locality to see to their needs. |
| **Ħal Għaxaq** | 1. Ikla fil-Milied<br>2. Tqassim ta' boroż tar-riċiklaġġ<br>3. Għajnuna fl-applikazzjoni tal-Passaport tal-Heritage<br>4. Għajnuna fil-mili ta' applikazzjonijiet oħra |
| **Il-Ħamrun** | 1. Attivitajiet u Ħarġiet kulturali<br>2. Fitness Classes<br>3.Coffee Mornings |
| **L-Iklin** | *NIL RETURN* |
| **Il-Kalkara** | 1. Pagamenti ta' kirjiet, ċitazzjonijiet, permessi<br>2. Ħruġ speċifikament għall-anzjani darba/darbtejn/month<br>3. Assistenza fil-mili ta' applikazzjonijijiet bħall-Housing Authority u oħrajn<br>4. Assistenza fi kwalunkwe lmenti / suġġerimenti li wieħed jista' jkollu<br>5. Introduzzjoni mal-Community Police |
| **Ta' Kerċem** | 1. Ħarġa ta' kull xahar fejn jiġu organizzati diversi taħditiet ma' diversi awtoritajiet bħal Pulizija, konsulenza medika, eċċ ...<br>2. Ħarġiet għal Malta<br>3. Servizz ta' tabib mit-Tnejn sal-Ġimgħa<br>4. Ser jibda s-servizz tal-Community Van fil-ġimgħat li ġejjin sabiex iwassal lill-anzjani l-isptar, għand it-tabib, spiżerija, jew xi bżonnijet oħra li jista' jkollhom.<br>5. Korsijiet tal-Lifelong Learning<br>6. Ikla b'xejn fil-Milied għal dawk li jgħixu waħedhom. |
| **Ħal Kirkop** | 1. Day Centre<br>2. Trasport għad-Day Centre |
| **Ħal Lija** | 1. Servizz ta' vaċċinazzjoni kemm tal-influenza kif ukoll Covid-19.<br>2. Il-Kunsill għal żmien il-Milied organizza bi ħlas festin fejn kienu mistiedna l-anzjani u nies vulnerabbli kollha b'enfasi speċjali lil dawk li jinsabu weħedhom.<br>3. Ħarġiet lill-anzjani ta' Ħal Lija u r-residenti :- Visti ta' Ħamis ix-Xirka, Ħarġa għal Għawdex u Ħarġa kulturali l-Birgu. |
| **Ħal Luqa** | 1. Ħarġiet kulturali u soċjali |
| **Il-Marsa** | 1. Vann għall-anzjani u persuni b'diżabilità |
| **Marsaskala** | *NIL RETURN* |
| **Marsaxlokk** | Infurmat li sad-data ta' din l-interpellanza l-informazzjoni rikjesta ma ġietx riċevuta mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali. |
| **Il-Mellieħa** | 1. Ħarġiet kulturali kull xahar;<br>2. Transport għall-anzjani li jattendu ċ-Ċentru Anzjanità Attiva; u<br>3. Korsijiet varji li jsiru fiċ-Ċentru Anzjanità Attiva. |
| **L-Imġarr** | 1. Servizz ta' Ċentru ta' Matul il-Jum, darbtejn fil-ġimgħa, is-sena kollha, fil-bini tal-Kunsill;<br>2. Faċilitajiet ta' tilqim tal-vaċċin tal-COVID-19 u tal-influwenza staġonali;<br>3. Ħarġiet soċjokulturali fosthom fil-Belt Valletta;<br>4. inkorporazzjoni tal-anzjani f'avvenimenti bħal Festa Frawli, Epifanija fl-Imġarr, etc. |
| **Il-Mosta** | 1. norganizzaw ħarġiet għal anzjani<br>2. noffru Day Centre għal anzjani.<br>3. Festin tal-Milied għal anzjani<br>4. Grupp tislima fejn jżuru anzjani waħedom, u joffru għajnuna. |
| **Mqabba** | *NIL RETURN* |
| **L-Imsida** | 1. Ġie mġedded il-ftehim bejn l-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità (AACC) u l-Kunsill Lokali Msida għas-servizz taċ-Ċentri tal-Anzjanità Attiva li jiftaħ kull nhar ta' Erbgħa u Ġimgħa matul il-ġurnata.<br>2. Matul is-sena 2022 ġie ffirmat MOU ma l-NGO Nanniet Malta fejn qed ikun hemm laqgħat kull nhar ta' Erbgħa bejn il- 5 u 7 p.m fil-bini tal-kunsilli lokali bħala Hub ġdida fl-Imsida. Nanniet Malta tieħu ħsieb torganizza wkoll programm li jinkludi bosta attivitajiet soċjali jew safar. |
| **Il-Munxar** | 1. Trasport għall-ħarġiet organizzati tad-Day Centre<br>2. Reġistrazzjonijiet għall-aċċess f'siti ta' heritage malta<br>3. Ħarġiet soċjokulturali f'Għawdex u anke f'Malta<br>4. Tqassima ta' ikla tal-Milied b'xejn provduta mill-Kunsill Reġjonali Għawdex. |
| **In-Nadur** | 1. Day centre kull nhar ta' Tlieta u<br>2. Ħarġiet Kulturali darba f xahar. |

| | |
|---|---|
| **In-Naxxar** | 1. Manutenzjoni tas-sala fejn jiltaqa' Day Centre.<br>2. Trasport għal ħarġiet għall-anzajni darba f'xahar. (organizzati mid-Day Centre)<br>3. Trasport għal anzjani nhar ta' Tlieta sabiex jiġu d Day Centre. |
| **Ir-Raħal Ġdid (Paola)** | 1. Ċentru Anzjanità Attiva li jiltaqa' darbtejn fil-ġimgħa<br>2. Ħarġiet Soċjali/Kulturali |
| **Pembroke** | *NIL RETURN* |
| **Tal-Pieta'** | 1. Trasport għal attivitajiet li jsiru minn żmien għal żmien<br>2. Servizz tat-trasport lejn u minn sptarijiet, polikliniċi u postijiet oħra<br>3. Servizz ta' berġa mill-premises tal-Kunsill Lokali |
| **Il-Qala** | 1. Day Centre għall-anzjani, 4 days a week.<br>2. Ħarġiet għall-anzjani.<br>3. Organizzar ta' Tombla. |
| **Il-Qrendi** | NIL RETURN |
| **Ir-Rabat (Mt)** | 1. Faċilità ta' Day Care Centre b'kirja tal-venue mingħand NGO |
| **Ħal Safi** | 1. Isiru sessjonijiet għal min ibati bil-kundizzjoni tal-Parkinsons kull nhar ta' Tnejn filghaxija.<br>2. Fil-Kunsill isiru l-attivitajiet tad-day centre għall-anzjani nhar ta' Erbgha u nhar ta' Ġimgħa filgħodu.<br>3. Jingħata servizz ta' Podoloġista għall-anzjani darba fix-xahar.<br>4. F'Ħal Safi għandna wkoll d-Dementia Centre li naħdmu f'kollaborazzjoni flimkien.<br>5. Isiru sessjonijiet ta' Oriental Fitness u Aerobics kull nhar ta' Tnejn filgħodu għall-anzjani. |
| **San Ġiljan** | 1. Servizz sabiex jittieħdu readings tal-pressjoni, zokkor minn nurse – dan reġa' beda f'Diċembru 2022 għaliex kien waqaf minħabba l-Covid-19 |
| **San Ġwann** | 1. Podologist<br>2. Nurse għal monitoring taz-zokkor u pressjoni<br>3. Trasport<br>4. Vaccine għal kontra l-influenza<br>5. Ħarġiet kulturali u soċjali |
| **San Lawrenz** | 1. Trasport bl-Electric Van tal-Kunsill għal dawk li kellhom xi appuntament ta' sptar jew simili. |
| **San Pawl il-Baħar** | 1. Trasport provdut lil anzjani lejn u mid-Day Care Centre<br>2. Trasport provdut lil anzjani għall-ħarġiet organizzati mid-Day Care Centre<br>3. Lejn l-aħħar tas-sena li għaddiet il-Kunsill reġa' beda jorganizza ħarġiet kif ukoll jipprovdi trasport għalihom. |
| **Ta' Sannat** | 1. Kors bażiku fil-kompjuter<br>2. Keep fit classes kull nhar ta' Tlieta b'kollaborazzjoni mal-Active Ageing – MGOZ<br>3. Ħjata kull nhar ta' Ġimgħa b'kollaborazzjoni mal-Active Ageing – MGOZ<br>4. Fis-sajf waqt ir-rinovar ta' Dar Padova f'Għajnsielem, il-Kunsill ospita lil dawn l-anzjani fis-sala għal aktar minn xahrejn |
| **Santa Luċija** | *NIL RETURN* |
| **Santa Venera** | 1. Attivitajiet Kulturali<br>2. Servizz ta' transport<br>3. Post fejn jiltaqghu - Day Centre<br>4. Kors - Għaqal id-Dar |
| **Tas-Sliema** | 1. Council Cab<br>2. Day Centre u l-Attivitajiet li jorganizzaw huma<br>3. Servizzi li jingħataw mill-Kunsill lil kulħadd<br>4. Korsijiet ta' Pilates |
| **Is-Swieqi** | 1. Sezzjonijiet ta' Line Dancing, Chair Pilates, Musical Theatre, Dance Fitness b'kolloborazzjoni mal-Active Ageing Dept. Sezzjonijiet oħra ta' Zumba<br>2. Talks informattivi (darba fi xahar) dwar suġetti varji (eż: mard kroniku, kundizzjonijiet, tfaddil eċċ)<br>3. Ħarġiet edukattivi u kulturali (darba fi xahar) madwar Malta u Għawdex<br>4. Il-Kunsill qed jaħdem ukoll sabiex fil-futur qarib jipprova jipprovdi servizz ta' transport għal anzjani<br>5. Il-Kunsill kien joffri servizz ta' berġa għal anzjani (darbtejn fil-ġimgħa) imma sfortunatament wara l-COVID ġie mwaqqaf mid-Dipartiment għal Kura u Saħħa. |
| **Ta' Xbiex** | 1. Berġa<br>2. Inwasslu lill-anzjani b'xejn fejn ikollhom bżonn bil-vann elettriku |

| | |
|---|---|
| | 3. Korsijiet tal-Lifelong Learning<br>4. Podoloġista |
| **Ħal Tarxien** | 1. Servizz bil-van għall-anzjani b'xejn biex jagħmlu l-qadi tagħhom il-berġa u Raħal ġdid.<br>2. Taħdiet ta' Active ageing dwar is-servizzi li joffru lil anzjani.<br>3. Laqghat b'xejn ta' Għaqal id-dar biex jieklu aħjar. |
| **Ix-Xagħra** | 1. Il-Kunsill Lokali tax-Xagħra jamministra Ċentru ta' Matul il-Jum għall-anzjani li jiltaqa' kull nhar ta' Erbgħa bejn id-9.00am u nofsinhar.<br>2. Minbarra din l-attività regolari, il-Kunsill organizza wkoll diversi attivitajiet soċjokulturali għall-anzjani tal-lokalità tagħna. |
| **Ix-Xewkija** | 1. Reġistrar għal-card tad-dħul f'siti storiċi<br>2. Ħarġiet matul is-sena mmirati direttament għall-anzjani.<br>3. Proġett tal-ischool grannies. Proġett bil-kollaborazzjoni tal-Anzjanità Attiva<br>4. Integrational Project fejn anzjani qed ikollhom l-opportunità li jgħallmu studenti żgħar snajja' jew xogħol tal-idejn waqt li jieħdu rimunerazzjoni żgħira. – Proġett bil-kollaborazzjoni tal-Anzjanità Attiva<br>5. Korsijiet tal-IT u bizzilla |
| **Ix-Xgħajra** | 1. Għajnuna inġenerali bħal ġieli nieħdu anke boroz fi djar ta dawk l-anzjani li ma jkunux jifilhu joħorġu.<br>2. Servizz ta' social workers bi sħubija mal-appoġġ sabiex jitkellmu mal-anzjani u nies fil-bżonn.<br>3. Applikazzjonijiet ta' Heritage Malta passports.<br>4. Attivitajiet kulturali. |
| **Iż-Żebbuġ (Għ)** | 1. Kuljum nipprovdu trasport bil-vann tal-komunità lill-anzjani li jeħtieġa jagħmlu qadjiet barra mir-raħal |
| **Iż-Żurrieq** | 1. Għajnuna fi trasport biex tittieħed l-injection tal-influenza<br>2. Trasport sa Ħaż-Żebbug biex l-anzjani jagħmlu testijiet tas-smigħ. |
| **L-Imtarfa** | *NIL RETURN* |

Seduta 97
08/03/2023

**LONE PARENTS – ĦLASIJIET TA' ALLOWANCES TAT-TFAL**

**5977. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4244 u jgħid kemm fil-preżent hawn lone parents, skont id-data miġbura mir-records ta' ħlasijiet għall-allowances tat-tfal? Kemm minnhom qegħdin jaħdmu? Kemm għandhom tfal u kemm minnhom huma f'riskju ta' faqar jew qegħdin fil-faqar? Jista' l-Ministru jgħid kemm minn dawn il-lone parents huma rġiel, u kemm nisa?

02/02/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li, skont l-aħħar pagament li sar tal-allowance tat-tfal, kien hemm 13,554 benefiċjarju li huma kkunsidrati bħala lone parents. Kien hemm 5,647 raġel u 7,907 nisa li minnhom hemm jaħdmu 5,332 raġel u 7,106 nisa. In-numru ta' tfal huwa ta' 18,997.

Informazzjoni dwar kemm hemm lone parents f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali tista' tkun disponibbli mill-Uffiċċju Nazzjonali dwar l-Istatistika.

Seduta 97
08/03/2023

**PERSUNI LI RĊEVEW PAKKETT TA' IKEL**

**5978. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4245 u jgħid kemm-il persuna bbenefikat u rċeviet pakkett ta' ikel ipprovdut mill-Gvern mill-Fond Konsolidat matul is-sena 2022? Jista' l-Ministru jgħid min huma dawk li jikkwalifikaw għal dan l-ikel?

02/02/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 97
08/03/2023

**MOSTA – TRIQ LORENZO GAFÀ U TRIQ L-INDIPENDENZA – RAMPA BIEX JAQSMU PERSUNI B'DIŻABILITÀ**

**5979. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 4243, li oriġinarjament saret lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali u li issa ġiet referuta lilha, u tgħid jekk hemmx il-ħsieb li ssir rampa għal dawk li jkunu qed jaqsmu t-triq f'Independence Avenue, salib it-toroq ma' Triq Lorenzo Gafà, peress li dawk il-persuni li jużaw is-siġġu tar-roti, mingħajr din ir-rampa ma jkunux jistgħu jużaw il-bankina?

02/02/2023

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 97
08/03/2023

**MINISTERU TAL-EDUKAZZJONI – ROTOT TAT-TRASPORT LI MHUMIEX KOPERTI MIS-SERVIZZ TA' ONBOARD SUPERVISOR**

**6327. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid għaliex mhux ir-rotot kollha tat-trasport li jirkbu l-istudenti huma koperti mis-servizz ta' Onboard Supervisor? Jista' l-Ministru jgħid x'inhi r-raġuni għal dan? Dan jgħodd ukoll għal studenti bi bżonnijiet speċjali.

09/02/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li s-servizz ta' Onboard Supervisor hu provdut matul ir-rotot kollha kemm dawk tal-iskejjel Primarja u kif ukoll tar-Resource Centres, filwaqt li jiġi pprovdut ukoll Onboard Supervisor f'rotot tal-iskejjel Sekondarji u Medji jekk fir-rotta jkun hemm student/a li jbati minn xi kundizzjoni medika jew li teħtieġ attenzjoni speċjali.

Seduta 97
08/03/2023

**MINISTERU TAL-EDUKAZZJONI – ROTOT TAT-TRASPORT OFFRUTI LIL STUDENTI BI BŻONNIJIET SPEĊJALI**

**6328. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il Onboard Supervisor jonqos biex ikopri r-rotot kollha ta' trasport offrut mill-Ministeru għall-Edukazzjoni u l-ħtiġijiet kollha tal-istudenti bi bżonnijiet speċjali?

09/02/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma l-Onor. Interpellant li kull student bi bżonnijiet individwali, u li jeħtieġ li jkollu onboard supervisor, għandu l-assistenza meħtieġa.

Seduta 97
08/03/2023

**SKEJJEL PRIMARJI – SERVIZZ TAL-BREAKFAST CLUB**

**6329. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid għaliex studenti fl-iskejjel primarji jibbenefikaw mis-servizz tal-Breakfast

Club, imma studenti fl-iskejjel sekondarji ma jibbenefikawx minn dan is-servizz? Jista' jgħid x'inhi r-raġuni wara dan il-ħsieb?

09/02/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li filwaqt li fl-iskejjel sekondarji t-tfal jitħallew jidħlu kmieni b'superviżjoni organizzata, il-Breakfast Club isir fl-iskejjel primarji biss biex b'hekk il-ġenituri jkunu jistgħu jwasslu lit-tfal qabel il-ħin tal-ftuħ tal-iskola.

Seduta 97
08/03/2023

**SKEJJEL – KAPIJIET TAL-ISKEJJEL – ALLOWANCE ADDIZZJONALI**

**6330. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Fid-dawl li f'ċerti snin, kapijiet tal-iskejjel kienu jgawdu minn allowance addizzjonali marbut skont id-daqs tal-popolazzjoni tal-istudenti f'dik l-iskola partikolari, jista' l-Ministru jgħid għaliex dan l-allowance m'għadux jingħata? Japprezza l-Ministru li kapijiet ta' skejjel li għandhom aktar minn 600 student taħt ir-responsabilità tagħhom ikollhom aktar xogħol minn kapijiet ta' skejjel li għandhom 200 student u jkollhom l-istess allowance?

09/02/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Kuntrarju ta' dak li qed jistqarr l-Onor. Interpellant, il-Kapijiet tal-Iskejjel jitħallsu allowance skont il-popolazzjoni tal-iskola hekk kif stipulat fil-ftehim settorjali tal-2017 bejn il-Gvern u l-Malta Union of Teachers.

Seduta 97
08/03/2023

**SKEJJEL – INVESTIMENTI F'LABORATORJI**

**6331. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid x'saret mill-wegħda ta' €150 miljun investiment f'laboratorji fl-iskejjel tagħna? Jista' jgħid liema skejjel ibbenefikaw u x'materjal ingħata jew ġie mibdul? X'fadal x'jiġi investit mis-somma inizzjali?

09/02/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 97
08/03/2023

**SKEJJEL – STUDENTI TAS-SEBA' SENA – GĦOTI TA' LAPTOP**

**6332. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid meta t-tfal tas-seba' sena se jirċievu l-laptops li ġew imwiegħda fil-Baġit 2022, peress li s-sena skolastika 2022-23 se tispiċċa fi żmien erba' xhur? Jaf li dawn l-istudenti issa jridu jistudjaw u jaħdmu x-xogħol tal-iskola u mhux f'Mejju?

09/02/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 2673.

Seduta 97
08/03/2023

**SPTAR MATER DEI – STENNIJA GĦAL OPERAZZJONI ORTOPEDIKA**

**6613. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk kienx hemm persuni li stennew aktar minn ġimgħa biex saritilhom operazzjoni ortopedika wara li kellhom inċident u ddaħħlu l-isptar bi ksur bejn il-15 ta' Jannar 2023 u d-data li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija?

21/02/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lil-Onor. Interpellant għar-risposta tal-mistoqsija parlamentari 6180.

Seduta 97
08/03/2023

**SPTAR MATER DEI – ELECTIVE SURGERIES TAL-ORTOPEDIJA**

**6614. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kienx hemm bżonn jitwaqqfu elective surgeries tal-ortopedija f'dawn l-aħħar xahrejn biex isiru dawk ta' urġenza?

21/02/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fl-aħħar ġimgħat kien hemm tlett istanzi fejn Elective cases kellhom jagħtu preċedent għal każijiet ta' urġenza.

Seduta 97
08/03/2023

**MEDIĊINA PREGABALIN SCIECURE OUT OF STOCK**

**6615. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista’ d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid għaliex il-mediċina Pregabalin Sciecure 150mg u 75mg, li tintuża għall-Fibromyalgia, kienet out of stock f'Jannar u Frar 2023? Jista’ jgħid f'liema ġranet kienet out of stock u xi ngħata minflok?

21/02/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għar-risposta tal-mistoqsija parlamentari 5952.

Seduta 97
08/03/2023

**RABAT – SANTA KATERINA - BARRIERA**

**6616. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista’ l-Ministru tgħid x'qed isir biex jiġi assigurat li l-barriera f'Santa Katerina, ir-Rabat ma tkomplix teqred l-ambjent tal-madwar?

21/02/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi ħarġet Ordni ta’ Waqfien u Konformità (OWK0025/19) fuq il-barriera inkwistjoni f’April 2019, b’multi ta’ kuljum imposti fuq l-istess barriera. Applikazzjoni EP0036/19 mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi għall-backfilling tal-barriera u operat ta’ batching plant fiha, ġiet miċħuda mill-Bord tal-ERA f’Settembru 2019.

Seduta 97
08/03/2023

**SKOLA TAL-IMTARFA – STUDENTI LI ĠEW TRASFERITI GĦALL-ISKOLA TAL-IMSIDA**

**6617. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid għaliex it-tfal li ġew trasferiti mill-Iskola tal-Imtarfa għall-Iskola tal-Imsida ma ġewx trasferiti f'lokalità eqreb bħar-Rabat Malta?

21/02/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Filwaqt li nirreferih għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 6580, ninforma lill-Onor. Interpellant li d-deċiżjoni temporanja ttieħdet sabiex għal din is-sena skolastika l-istudenti u l-istaff ikunu jistgħu jibqgħu flimkien għall-kumplament tas-sena akkademika.

Seduta 97
08/03/2023

**IMTARFA – SKOLA PRIMARJA**

**6618. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid x'inhu l-pjan għall-Iskola Primarja tal-Imtarfa?

21/02/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li kuntrarjament għall-istqarrija li saret mill-Onor. Interpellant innifsu fuq il-midja soċjali, nitolbu jirreferi għall-istqarrija maħruġa l-Ħamis 9 ta' Frar 2023 mill-Ministeru għall-Edukazzjoni numru PR230217.

Seduta 97
08/03/2023

**EXPLANATORY NOTES GĦAL-LIĠIJIET**

**6659. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jqis li meta ssir explanatory note dwar xi liġi, din tkun inkluża bħala anness mal-liġi li qed issir minflok tkun ippubblikata għal rasha fil-Gazzetta tal-Gvern, sabiex wieħed ikun jista' jsegwi aħjar it-tagħrif mogħti fir-rigward tal-liġi inkwistjoni (ara pereżempju l-avviż numru 224 tal-ħarġa tal-Gazzetta tal-Gvern tal-21 ta' Frar 2023 li jidher li sar fir-rigward tal-A.L. 41 tal-2023)?

23/02/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nikkonferma li n-Noti ta' Spjegazzjoni li m'għandhomx forza ta' liġi jsiru kif rikjest mill-Att dwar l-Intrapriżi ż-Żgħar (Kap. 512 tal-Liġijiet ta' Malta) https://legislation.mt/eli/cap/512/mlt (skont l-Iskeda III tal-istess Kapitolu). L-istess Noti ta' Spjegazzjoni jiġu ppubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern li tinkorpora l-avviżi tal-Gvern lill-pubbliku inġenerali fl-istess ġurnata li tiġi ppubblikata l-leġiżlazzjoni li jkunu qed jispjegaw u jirreferu għaliha.

B'hekk jiġi sodisfatt l-element ta' pubbliċità fir-rigward tan-negozji li jridu jaġġustaw għar-rikjesti l-ġodda tal-leġiżlazzjoni li se tidħol fis-seħħ, kif ukoll għaċ-ċittadini li se jiġu affettwati bl-istess leġiżlazzjoni. L-għan tan-Noti ta' Spjegazzjoni kif stipulat fl-imsemmija Skeda tal-Kap. 512 huwa li jispjega u jagħmel aċċessibbli l-leġiżlazzjoni għall-qarrejja li mhumiex kwalifikati fil-liġi u li m'għandhomx għarfien speċjalizzat tal-materja tas-suġġett. Għaldaqstant huwa idoneu li l-imsemmija Noti jiġu ppubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern mal-Avviżi tal-Gvern lill-pubbliku u mhux fis-Suppliment tal-Gazzetta li hu intiż esklussivament għall-pubblikazzjoni tal-leġiżlazzjoni primarja u sekondarja.

*In oltre*, għandu jingħad li s-Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern jinkorpora l-leġiżlazzjoni primarja kif ukoll dik sekondarja li tiġi ppubblikata bil-mod segwenti:
TAQSIMA A tinkorpora l-Atti;
TAQSIMA B tinkorpora l-Avviżi Legali;
TAQSIMA Ċ tinkorpora l-Abbozzi tal-Liġi; u
TAQSIMA D tinkorpora l-Bye Laws.
Seduta 97
08/03/2023

**ĊIRKEWWA AND IMĠARR PASSENGER FERRY TERMINALS - SEJĦA GĦAL E-TICKETING PROJECT**

**6673. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid fiex tikkonsisti s-sejħa SPD3/2022/065, CFT Title '*Construction, finishing works and commissioning of an e-ticketing project at Ċirkewwa and Mġarr passenger ferry terminals*' u kemm hi stmata li tiswa?

24/02/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-informazzjoni rilevanti rigward din is-sejħa.

Seduta 97
08/03/2023

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX - SERVIZZ TA' SIGURTÀ MINN KUMPANIJI PRIVATI - NEFQA**

**6674. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienet in-nefqa għas-servizz ta' sigurtà minn kumpaniji privati lill-Ministeru għal Għawdex u l-entitajiet kollha li jaqgħu taħtu, sena b' sena mis-sena 2012 sal-aħħar tas-sena 2022?

24/02/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li biex tiġi kkompilata l-informazzjoni kollha kif mitlub se jispiċċa jinqabeż l-advisory cost limit.

Seduta 97
08/03/2023

**GĦASRI, GĦAWDEX – GĦASSA TAL-PULIZIJA**

**6675. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 6080, li oriġinarjament saret lill-Ministru għal Għawdex u li issa ġiet riferuta lilu, u jgħid jekk fir-raħal tal-Għasri hemmx għassa tal-pulizija u jekk iva, f'liema indirizz tinsab? Jista' jgħid din l-għassa, bħala medja, kemm-il siegħa fil-ġimgħa kienet miftuħa għall-pubbliku u b'uffiċjali tal-pulizija fiha?

24/02/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi fir-raħal tal-Għasri m'hemmx għassa tal-pulizija. Ir-raħal hu kopert minn ronda regolari li ssir minn uffiċjali mill-Iskwadra Mobbli tad-Distrett kif ukoll mill-Pulizija tal-Komunità.

Seduta 97
08/03/2023

**GOZO MUSEUM – XOGĦLIJIET**

**6676. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jindika bejn wieħed u ieħor meta hu maħsub li jitlesta x-xogħol kollu fuq il-Gozo Museum u meta se jinfetaħ għall-pubbliku?

24/02/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ser jitlesta f'din il-Leġiżlatura.

Seduta 97
08/03/2023

**KIRI TA' BINJIET ĠODDA**

**6677. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 5929, jista' l-Ministru jgħid fejn jinsabu dawn it-12-il binja ġdida (indirizz sħiħ) mikrijin mill-privat matul is-snin 2021 u 2022? Jista' jgħid kemm hu l-ħlas għal kull proprjetà, sena b'sena, għal kull waħda minn dawn it-12-il binja? Jista' jgħid ukoll min huma l-kumpaniji privati jew individwu privat li qegħdin jikru l-proprjetà/binjiet lill-Ministeru għal Għawdex?

24/02/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jagħmel referenza għall-informazzjoni li ngħatat fil-mistoqsija parlamentari 5929 fejn jista' jsib l-informazzjoni kollha.

Seduta 97
08/03/2023

**SKEJJEL – STUDENTI F'LEARNING CENTRES**

**6714. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm studenti jattendu f'kull Learning Centre (jippreżenta lista għal kull ċentru) fis-sentejn skolastiċi li għaddew (2020-2021 u 2021-2022) u jgħid kemm minnhom ġew integrati lura fl-iskejjel rispettivi minn fejn intbagħtu?

24/02/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 97
08/03/2023

**IMTARFA - GĦELUQ TAL-ISKOLA**

**6715. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-evidenza li permezz tagħha ttieħdet id-deċiżjoni li tingħlaq l-Iskola tal-Imtarfa?

24/02/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 97
08/03/2023

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX – IMPJEGATI ĠODDA F'AWTORITAJIET U ENTITAJIET**

**6782. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 5786 u jagħti rendikont ta' kemm ġew impjegati persuni ġodda fl-awtoritajiet u l-entitajiet kollha li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu minn Marzu 2022 sal-lum, f'liema awtorità/entità ġew ingaġġati u mil-liema lokalitajiet huma dawn il-ħaddiema?

28/02/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tabella li qed tidher hawn taħt b'rendikont ta' kemm ġew impjegati persuni ġodda fl-entitajiet jew awtoritajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħi minn Marzu 2022 sal-aħħar ta' Jannar 2023.

| **Entità/Awtorità** | **Ħaddiema ingaġġati** |
|---|---|
| Awtorità għall-Iżvilupp Reġjonali ta' Għawdex | 2 |
| Gozo Channel Operations Ltd. | 1 |

Seduta 97
08/03/2023

**MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA – IMPJEGATI ĠODDA F'AWTORITAJIET U ENTITAJIET**

**6783. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 5787 u jagħti rendikont ta' kemm ġew impjegati persuni ġodda fl-awtoritajiet u l-entitajiet kollha li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu minn Marzu 2022 sal-lum, f'liema awtorità/entità ġew ingaġġati u mil-liema lokalitajiet huma dawn il-ħaddiema?

28/02/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li f'awtoritajiet/entitajiet fi ħdan il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza ġew impjegati 133 ħaddiem minn Marzu 2022 sal-lum. Dawn il-ħaddiema daħlu flok xi wħud li rtiraw jew inkella biex jipprovdu servizzi ġodda. Dawn il-ħaddiema ġejjin minn diversi lokalitajiet differenti: Ħ'Attard, Ħal Balzan, Birżebbuġa, Birgu, Bormla, Fgura, Floriana, Ħamrun, Għajnsielem, Għargħur, Ħal Għaxaq, Gudja, Imġarr, Imqabba, Imsida, Imtarfa, Kalkara, Kirkop, Ħal Luqa, Marsa, Marsaskala, Marsaxlokk, Mellieħa, Mosta, Naxxar, Paola, Pembroke, Tal Pietà, Ħal Qormi, Rabat(M), Senglea, San Ġiljan, San Ġwann, San Pawl il-Baħar, Sta Venera, Siġġiewi, Ħal Tarxien, il-Belt Valletta, Rabat (G), Xgħajra, Ħaż-Żabbar, Ħaż-Żebbug, Żejtun u Żurrieq.

Seduta 97
08/03/2023

**MINISTERU GĦALL-ANZJANITÀ ATTIVA – IMPJEGATI ĠODDA F'AWTORITAJIET U ENTITAJIET**

**6784. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 5794 u jagħti rendikont ta' kemm ġew impjegati persuni ġodda fl-awtoritajiet u l-entitajiet kollha li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu minn Marzu 2022 sal-lum, f'liema awtorità/entità ġew ingaġġati u mil-liema lokalitajiet huma dawn il-ħaddiema?

28/02/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tabella li qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra b'rendikont ta' kemm ġew impjegati persuni ġodda fl-entitajiet jew awtoritajiet li jaqgħu taħt

id-dekasteru tiegħi minn Marzu 2022 sal-aħħar ta' Jannar 2023. Dawn ġejjin mil-lokalitajiet ta' Birkirkara, Birżebbuġa, Għasri-Għawdex, Għaxaq, Kirkop, Ħal Safi, Ħal-Tarxien, Żabbar, Fgura, Gudja, Mellieħa, Rabat-Għawdex, Xagħra-Għawdex, Xgħajra, Żejtun, Iklin, Imġarr, Imqabba, Imtarfa, Raħal Ġdid, San Ġwann, San Lawrenz-Għawdex, Qawra, Ħamrun, Paola, Pietà, Qormi, Balzan, Marsaskala, Sliema, Żebbuġ, Fontana-Għawdex, Naxxar u Siġġiewi.
Fl-istess ħin qed nipprovdih ukoll b'rendikont tal-ħaddiema li, f'dan l-istess perjodu, spiċċaw mill-istess entitajiet/awtoritajiet minħabba raġunijiet varji.

Seduta 97
08/03/2023

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU – IMPJEGATI ĠODDA F'AWTORITAJIET U ENTITAJIET**

**6785. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 5776 u jagħti rendikont ta' kemm ġew impjegati persuni ġodda fl-awtoritajiet u l-entitajiet kollha li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu minn Marzu 2022 sal-lum, f'liema awtorità/entità ġew ingaġġati u mil-liema lokalitajiet huma dawn il-ħaddiema?

28/02/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tabella b'rendikont ta' kemm ġew impjegati persuni ġodda fl-entitajiet jew awtoritajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħi minn Marzu 2022 sal-aħħar ta' Jannar 2023. Dawn ġejjin mil-lokalitajiet ta' Birżebbuġa, Żejtun, Fgura, Mosta, Ħaż-Żebbuġ, Sliema, Ħal Lija, Żurrieq, Rabat, Attard, Balzan, Birkirkara, Dingli, Fontana, Għaxaq, Pietà, Ħamrun, Kalkara, Kerċem ,Marsaskala, Imqabba, Imsida, Paola, Qormi, Qrendi, San Ġwann, Santa Venera u Tarxien.

Fl-istess ħin qed nipprovdih ukoll b'rendikont tal-ħaddiema li, f'dan l-istess perjodu, spiċċaw mill-istess entitajiet/awtoritajiet minħabba raġunijiet varji.

| Entità/Awtorità | Ħaddiema ingaġġati | Ħaddiema li spiċċaw |
|---|---|---|
| NDSF | / | 1 |
| MCESD | 3 | / |
| Agenzija servizz.gov | 6 | 2 |
| MSPP | 2 | / |
| RSSL | / | 35 |
| MITA | 33 | 42 |

Seduta 97
08/03/2023

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA - IMPJEGATI ĠODDA F'AWTORITAJIET U ENTITAJIET**

**6786. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 5777 u jagħti rendikont ta' kemm ġew impjegati persuni ġodda fl-awtoritajiet u l-entitajiet kollha li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu minn Marzu 2022 sal-lum, f'liema awtorità/entità ġew ingaġġati u mil-liema lokalitajiet huma dawn il-ħaddiema?

28/02/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi fil-perjodu msemmi minnu ġew impjegati 348 persuna li minnhom 139 huma tobba, 131 huma nurses u 57 Allied Healthcare workers.

Seduta 97
08/03/2023

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI - IMPJEGATI ĠODDA F'AWTORITAJIET U ENTITAJIET**

**6787. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 5778 u jagħti rendikont ta' kemm ġew impjegati persuni ġodda fl-awtoritajiet u l-entitajiet kollha li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu minn Marzu 2022 sal-lum, f'liema awtorità/entità ġew ingaġġati u mil-liema lokalitajiet huma dawn il-ħaddiema?

28/02/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Tlabt sabiex it-tagħrif jinġabar.

Seduta 97
08/03/2023

**MEKKANIŻMU ADDIZZJONALI TAL-COLA**

**6798. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid fuq liema kriterji nħadem il-mekkaniżmu addizzjonali tal-COLA (Cost of Living Allowance)? Jista' jagħti d-dettalji tal-kalkoli rispettivi li saru?

28/02/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 97
08/03/2023

**FOND GĦALL-KAWŻI ĠUSTI – ENTITAJIET LI BBENEFIKAW FIS-SENA 2022**

**6811. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid min huma l-entitajiet li bbenefikaw mill-Fond għall-Kawżi Ġusti matul l-2022? Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kemm kien l-ammont fi flus li ħadet kull entità u d-data ta' meta ħarġet l-ittra tal-approvazzjoni għal kull entità?

01/03/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab infurmat li l-informazzjoni mitluba titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra hekk kif ikun konkluż l-awditjar tar-rapport finanzjarju aktar tard matul is-sena.

Seduta 97
08/03/2023

**FOND GĦALL-KAWŻI ĠUSTI – ENTITAJIET LI BBENEFIKAW FIS-SENA 2021**

**6812. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid min huma l-entitajiet li bbenefikaw mill-Fond għall-Kawżi Ġusti matul l-2021? Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kemm kien l-ammont fi flus li ħadet kull entità u d-data ta' meta ħarġet l-ittra tal-approvazzjoni għal kull entità?

01/03/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** It-tagħrif mitlub qed jitpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 97
08/03/2023

**FOND GĦALL-KAWŻI ĠUSTI – ENTITAJIET LI BBENEFIKAW FIS-SENA 2020**

**6813. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid min huma l-entitajiet li bbenefikaw mill-Fond għall-Kawżi Ġusti matul l-2020? Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kemm kien l-ammont fi flus li ħadet kull entità u d-data ta' meta ħarġet l-ittra tal-approvazzjoni għal kull entità?

01/03/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-Mistoqsija Parlamentari 15820 tal-Leġiżlatura Nru 13.

Seduta 97
08/03/2023

**FOND GĦALL-KAWŻI ĠUSTI – ENTITAJIET LI BBENEFIKAW FIS-SENA 2019**

**6814. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid min huma l-entitajiet li bbenefikaw mill-Fond għall-Kawżi Ġusti matul l-2019? Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kemm kien l-ammont fi flus li ħadet kull entità u d-data ta' meta ħarġet l-ittra tal-approvazzjoni għal kull entità?

01/03/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-Mistoqsija Parlamentari 15820 tal-Leġżlatura Nru 13.

Seduta 97
08/03/2023

**FOND GĦALL-KAWŻI ĠUSTI – ENTITAJIET LI BBENEFIKAW FIS-SENA 2018**

**6815. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid min huma l-entitajiet li bbenefikaw mill-Fond għall-Kawżi Ġusti matul l-2018? Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kemm kien l-ammont fi flus li ħadet kull entità u d-data ta' meta ħarġet l-ittra tal-approvazzjoni għal kull entità?

01/03/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-Mistoqsija Parlamentari 15820 tal-Leġiżlatura Nru 13.

Seduta 97
08/03/2023

**ĦAL GĦAXAQ – LIBRERIJA PUBBLIKA – KOTBA ĠODDA**

**6849. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm inxtraw kotba ġodda għal-librerija pubblika ta' Ħal Għaxaq tul is-sena 2022 u jgħid kemm kien hemm donazzjonijiet mill-pubbliku u mill-Kunsill Lokali?

02/03/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** L-informazzjoni mitluba tinsab fit-tabella t'hawn taħt:

| Lokalità | Kotba mixtrija ġodda – 2022 | Donazzjonijiet inkluż mill-pubbliku u l-Kunsilli Lokali – 2022 |
|---|---|---|
| Għaxaq | 116 | 100 |

Seduta 97
08/03/2023

**GUDJA – LIBRERIJA PUBBLIKA – KOTBA ĠODDA**

**6850. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm inxtraw kotba ġodda għal-librerija pubblika tal-Gudja tul is-sena 2022 u kemm kien hemm donazzjonijiet mill-pubbliku u mill-Kunsill Lokali?

02/03/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** L-informazzjoni mitluba tinsab fit-tabella t'hawn taħt:

| Lokalità | Kotba mixtrija ġodda - 2022 | Donazzjonijiet inkluż mill-pubbliku u l-Kunsilli Lokali – 2022 |
|---|---|---|
| Gudja | 112 | 119 |

Seduta 97
08/03/2023

**FGURA – LIBRERIJA PUBBLIKA - KOTBA ĠODDA**

**6851. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm inxtraw kotba ġodda għal-librerija pubblika tal-Fgura tul is-sena 2022 u kemm kien hemm donazzjonijiet mill-pubbliku u mill-Kunsill Lokali?

02/03/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** L-informazzjoni mitluba tinsab fit-tabella t'hawn taħt:

| Lokalità | Kotba mixtrija ġodda - 2022 | Donazzjonijiet inkluż mill-pubbliku u l-Kunsilli Lokali – 2022 |
|---|---|---|
| Fgura | 207 | 303 |

Seduta 97
08/03/2023

**BORMLA – LIBRERIJA PUBBLIKA – KOTBA ĠODDA**

**6852. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jinforma l-Kamra kemm inxtraw kotba ġodda għal-librerija pubblika ta' Bormla tul is-sena 2022 u kemm kien hemm donazzjonijiet mill-pubbliku u mill-Kunsill Lokali?

02/03/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** L-informazzjoni mitluba tinsab fit-tabella t'hawn taħt:

| Lokalità | Kotba mixtrija ġodda - 2022 | Donazzjonijiet inkluż mill-pubbliku u l-Kunsilli Lokali – 2022 |
|---|---|---|
| Bormla | 96 | 233 |

Seduta 97
08/03/2023

**SANTA LUĊIJA – APPARTAMENTI TAL-GVERN – LIFT**

**6853. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 22929 tal-Leġiżlatura preċedenti, jista' l-Ministru jgħid jekk il-lift inkwistjoni fil-flats f'Santa Luċija ġiex istallat mill-ġdid u jekk huwiex jaħdem u kemm ġiet tiswa tali spiża?

02/03/2023

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Awtorità tad-Djar lestiet dan il-proġett li jinkludi lift ta' 6 passiġġieri flimkien ma' xogħlijiet ta' tisbiħ tal-partijiet komuni, intercom, u aperturi ġodda bi spiża globali ta' EUR 173,218.76 inkluż il-VAT. Il-lift ingħata lura lir-residenti hekk kif kien spjegat fil-mistoqsija 4101.

Seduta 97
08/03/2023

**SANTA LUĊIJA – LIBRERIJA PUBBLIKA – KOTBA ĠODDA**

**6854. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm inxtraw kotba ġodda għal-librerija pubblika ta' Santa Luċija tul is-sena 2022 u kemm kien hemm donazzjonijiet mill-pubbliku u mill-Kunsill Lokali?

02/03/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** L-informazzjoni mitluba tinsab fit-tabella t'hawn taħt:

| **Lokalità** | **Kotba mixtrija ġodda - 2022** | **Donazzjonijiet inkluż mill-pubbliku u l-Kunsilli Lokali – 2022** |
|---|---|---|
| Santa Luċija | 144 | 66 |

Seduta 97
08/03/2023

**SKEMI TA' GĦAJNUNA LILL-GĦAQDIET VOLONTARJI**

**6871. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tagħti tagħrif dwar liema skemi ta' għajnuna lill-għaqdiet volontarji huma miftuħa preżentement? Liema għaqdiet jistgħu japplikaw għal dawn l-iskemi partikulari?

02/03/2023

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat bħalissa għandu l-Iskema ta' Servizz Volontarju taż-Żgħażagħ u l-Iskema ta' Inizjattiva ta' Taħriġ miftuħa għall-Organizzazzjonijiet Volontarji kollha rreġistrati mal-OCVO.

Seduta 97
08/03/2023

**GREEN MALTA – DISKUSSJONIJIET MA' KUNSILLI/ KUMITATI REĠJONALI DWAR PROĠETTI TA' TĦADDIR**

**6879. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid ma' liema kunsilli lokali jew kumitati reġjonali għaddejjin diskussjonijiet bħalissa biex fil-lokalitajiet rispettivi jkun hemm proġetti ta' tħaddir minn Green Malta? Liema proposti qed jiġu kkunsidrati u f'liema lokalità jinsabu?

03/03/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Qed nassumi li l-Onor. Interpellanta qed tirreferi għall-entità Project Green peress li ma teżisti l-ebda entità bl-isem Green Malta. Jekk qed tirreferi għall-Project Green, allura ngħarrafha li l-aġenzija Project Green ħabbret skema ambjentali fejn l-oġġettiv kien li jingħata r-riżorsi kollha meħtieġa lil kunsilli lokali kollha u entitajiet non-governattivi, biex jirriġeneraw u joħolqu spazji miftuħa ġodda fil-lokalitajiet tagħhom. L-aġenzija rċeviet aktar minn sebgħin applikazzjoni mingħand entitajiet differenti, prinċiparjament kunsilli lokali.

Matul dan il-proċess l-entità Project Green baqgħet għaddejja b'diskussjonijiet ma' diversi kunsilli lokali interessati biex tinċentiva aktar applikazzjonijiet.

Seduta 97
08/03/2023

**SKEJJEL TAL-GVERN - SERVIZZ TA' INTERPRETU**

**6880. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid liema skejjel tal-Gvern għandhom servizz ta' interpretu, u fejn hemm tali interpretu jista' jgħid minn liema lingwa għal liema lingwa hemm interpretazzjoni?

03/03/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 97
08/03/2023

**FOUNDATION FOR TOMORROW'S SCHOOL – FTEHIM MAL-KUNSILL LOKALI MARSASKALA**

**6881. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-ftehim li l-Ministeru jew il-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada (FTS) iffirmaw mal-Kunsill Lokali ta' Marsaskala?

03/03/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-kuntratt qed jitpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 97
08/03/2023

**REVERSE VENDING MACHINES – AĊĊESSIBILITÀ**

**6882. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 6065 dwar reverse vending machines, tista' l-Ministru tgħid fejn jinsabu t-8 RVMs li kellhom jibdew joperaw u s-7 RVMs li kien fadal biex jiġu installati? Minn dawn liema bdew joperaw, liema ġew installati iżda ma bdewx joperaw, u liema għadhom ma ġewx installati?

03/03/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li bħalissa hemm 6 RVMs li qed joperaw u dawn jinstabu 2 f'Cospicua, 2 f Ta' Xbiex u 2 il-Marsa. It-2 li hemm B'Kara huma installati u se jibdew joperaw fil-jiem li ġejjin. 7 RVMs li għadhom ma ġewx installati jinsabu 2 Santa Luċija, 2 fil-Belt Valletta, 2 il-Mosta u 1 f'Senglea.

Seduta 97
08/03/2023

**PULIZIJA – STANDARD OPERATING PROCEDURES GĦALL-VJOLENZA DOMESTIKA**

**6885. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid għaliex l-iStandard Operating Procedures (SOPs) tal-pulizija għall-Vjolenza Domestika li l-Gvern wiegħed fl-2017 għadhom ma ġewx *in vigore* sitt snin wara?

03/03/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi dwar l-iStandard Operating Procedures (SOPs) tal-pulizija għall-Vjolenza Domestika msemmija mill-Onor. Interpellant, dawn jinsabu fi stadju avvanzat u huwa previst li dawn ikunu konklużi fil-ġimgħat li ġejjin. Sadanittant infurmat illi mis-sena 2017 indikata mill-Onor. Membru, dwar proċeduri fuq każi ta' vjolenza domestika hemm diversi linji gwida li nħarġu mill-Pulizija anke kull meta kien hemm reviżjoni tal-liġijiet relatati. Dawn il-linji gwida kienu anke jinħarġu fis-snin ta' qabel is-sena 2017, u komplew jiġu mġedda matul iż-żmien.

Seduta 97
08/03/2023

**DASH MULTIDISCIPLINARY RISK ASSESSMENT TEAM**

**6886. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid għaliex id-DASH multidisciplinary risk assessment team li tħabbar fl-2018 għadu ma nħatarx u mhux jiffunzjona?

03/03/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li d-DASH huwa risk assessment tool utililzzat minn risk assessors u professjonisti dwar vjolenza domestika, u mhux multidisciplinary risk assessment team. Il-multidisciplinary risk assessment team (MARAM) jipproċessa każijiet fejn l-instrument jindika li hemm riskju għoli. L-użu ta' dan l-instrument kif ukoll il-multidisciplinary risk assessment team jaqgħu taħt il-kompetenza ta' Ministeru ieħor.

Seduta 97
08/03/2023

**UŻU MINN SERVIZZ TA' XUFIER U KAROZZA**

**6887. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jikkonferma li l-individwu, li d-dettalji dwaru qed jintbagħtu separatament, mhux biss qed jagħmel użu mis-servizz ta' xufier u karozza, imma għandu wkoll it-tieni karozza (second car) u li din qed tintuża mill-mara tiegħu? Jista' jgħid jekk din it-tieni karozza tinkludix ukoll is-servizz ta' xufier u/jew security imħallsa mill-Gvern? Jista' jgħid x'tip ta' karozza qed tintuża u jekk il-karozza hijiex tal-kiri jew inxtratx mill-Gvern? Jekk inxtrat, kemm inxtrat, meta u mingħand min? Jekk qed tinkera, kemm hi l-kera kuljum u mingħand min qed tinkera? Jista' jgħid ukoll jekk kienx hemm sejħa pubblika għax-xiri jew kiri ta' din il-karozza? Kemm qed jitħallas ix-xufier u/jew security fix-xahar?

03/03/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** L-individwu li d-dettalji tiegħu ntbagħtu separatament għandu l-użu tat-tieni karozza li hi l-istess waħda li kienet tintuża meta kien fil-kariga (bla xufier) u dan skont it-termination package approvat f'Diċembru 2019.

Seduta 97
08/03/2023

**PRIM MINISTRU – KAROZZA UFFIĊJALI U S-SECOND CAR TIEGĦU**

**6888. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 6191 u jgħid x'inhi l-għamla tal-karozza uffiċjali kif ukoll tas-second car tiegħu? Jista' jgħid jekk inħarġitx tender għall-għażla tal-karozzi uffiċjali li juża hu u min rebaħ dan it-tender? Jekk ma nħareġ l-ebda tender, jista' jgħid:
a. mingħand min inxtraw u kemm ġew jiswew il-karozza uffiċjali u s-second car tiegħu; u/jew
b. kemm qed jinkrew kuljum il-karozza uffiċjali u s-second car tiegħu?

03/03/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** L-individwu li d-dettalji tiegħu ntbagħtu separatament għandu l-użu tat-tieni karozza li hi l-istess waħda li kienet tintuża meta kien fil-kariga (bla xufier) u dan skont it-termination package approvat f'Diċembru 2019.

Seduta 97
08/03/2023

**SEGRETARJU PARLAMENTARI GĦAD-DJALOGU SOĊJALI – KAROZZA UFFIĊJALI**

**6889. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru, permezz tas-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, jgħid x'inhi l-għamla tal-karozza uffiċjali tiegħu? Jista' jgħid jekk inħarġitx tender għall-għażla tal-karozzi uffiċjali li juża hu u min rebaħ dan it-tender? Jekk ma nħareġ l-ebda tender, jista' jgħid:
a. mingħand min inxtrat u kemm ġiet tiswa l-karozza uffiċjali tiegħu; u/jew
b. kemm qed tinkera kuljum il-karozza uffiċjali tiegħu?

03/03/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab infurmat li l-karozza uffiċjali tas-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, hija tal-għamla BMW 530E IPerformance li hija mikrija mingħand Zammit Leasing & Investments għal €28.58 (VAT eskluża) kuljum. Din intgħażlet wara li nġabru l-kwotazzjonijiet.

Seduta 97
08/03/2023

**SETTUR PUBBLIKU U SERVIZZ PUBBLIKU – ĦADDIEMA BIR-REMOTE WORKING/TELEWORKING**

**6890. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 5910, jista' l-Prim Ministru jagħti ċ-ċifri għas-settur pubbliku u mhux għas-servizz pubbliku biss, kif mitlub fil-mistoqsija oriġinali?

03/03/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab infurmat li fl-entitajiet fid-dekasteru tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru hemm 8 nisa u 34 raġel jaħdmu bir-remote working u rigward teleworking hemm 11 nisa u 10 rġiel.

Seduta 97
08/03/2023

**AWTORITÀ TAD-DJAR – KIRI TA' BINJIET LI NBNEW WARA L-GWERRA**

**6918. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid jekk fil-binjiet li nbnew wara l gwerra, u li wara li nbnew mill-ġdid kienu nkrew lil dawk li kellhom bżonn residenza, is-sidien ta' dawk il-postijiet (illum l-eredi taghhom) għadhomx jitħallsu bl-istess rata li kienu jitħallsu meta l-proprjetà nkriet għall-ewwel darba?

03/03/2023

**ONOR. RODERICK GALDES:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta sabiex tagħmel il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 97
08/03/2023